MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 2330/2004

**JGS Furniture Limited**

**Vs**

**Carmel Briffa**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat li gie pprezentat fis-7 ta` Dicembru, 2004 in forza ta` liema s-socjeta` attrici qed titlob li tithallas minghand il-konvenut is-somma ta` elf u tlett mitt lira (Lm1,300), rapprezentanti debitu kontrattat mill-istess konvenut mas-socjeta` attrici in forza ta` skrittura privata datata 14 ta` Gunju, 2002 u skond liema skrittura dan id-debitu sar dovut fil-15 ta` Gunju, 2003 u dana oltre l-imghaxijiet relattivi dekorribbli mill-15 ta` Gunju, 2003 u kif ukoll l-ispejjez ta` din l-istanza nkluz ta` l-ittra ufficcjali datata 2 ta` Mejju, 2004.

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema` lix-xhud George Incorvaja in rapprezentanza tas-socjeta` attrici, jikkonferma bil-gurament tieghu illi l-ammont mitlub f`dina l-kawza mis-socjeta` attrici kienet ghadha dovuta sal-gurnata ta` llum u kif ukoll li ma kien sar l-ebda pagament minn Carmel Briffa.

Innota illi l-konvenut ghalkemm msejjah diversi drabi baqa` ma deherx ghas-seduta ta` llum.

It-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz ghalhekk billi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut, Carmel Briffa jhallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` elf u tlett mija (Lm1,300), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-15 ta` Gunju, 2003 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------